MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2004

Numru 671/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur David Saliba)**

**vs**

**Gemma Attard**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi kontra Gemma Attard ta’ 63 sena bint Giuseppe u Gerolama nee Camilleri imwielda Haz-Zebbug Malta nhar it-3 t’Ottubru, 1939 u li toqghod 277 Triq il-Kbira Haz-Zebbug detentur tal-Karta ta’ l-Identita numru 699639 M.

Akkuzata:

Talli f'tas-Sliema, fl-10 ta' Jannar, 2003 matul il-gurnata ghal habta ta' 6.00 pm, f'hanut bl-isem Dorothy Perkins li huwa sitwat fi Triq Bisazza, ikkomettejt serq ta' zewg portmonijiet li fihom kien fihom flus, u oggetti ohra personali li l-valur taghhom jecceddi l-valur ta' Lm100 u dan ghad-danni ta' Pace Concetta u Maria Teresa Portelli liema serq huwa kkwalifikat bil-valur.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament mhux opposta;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

L-imputata hi akkuzata ta' serq kwalifikat bil-valur.

Mill-atti jirrizulta li s-serq kien ta' zewg portmonijiet f'kull kaz izda li sehh f'zewg okkazzjonijiet separati u distinti. Dan jammonta ghalhekk ghal zewg serqiet li billi f'kull okkazzjoni r-refurtiva ma kinitx teccedi l-Lm100 l-aggravju tal-valur ma jikkwalifikax. Dan ifisser li l-imputata giet li ammettiet ghal serq semplici.

L-imputata rregistrat ammissjoni li fiha ppersistiet anke` wara li l-Qorti tatha zmien tikkonsidra.

Illi fuq l-iskorta ta' din l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata u fil-waqt li l-Qorti qeghdha ssibha hatja tal-akkuza ta' serq semplici, rat l-Artikolu 285 tal-Kap 9 u wara li qieset ic-cirkostanzi tiddeciedi li tilliberha taht il-provediment tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 inkondizzjonatament.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------